MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (SUPERJURI) MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**CAMILLERI JOSEPH D.**
**ONOR. IMHALLEF**
**FILLETTI JOSEPH A.**
**ONOR. IMHALLEF**
**DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.**

Seduta ta' 22 ta' Ottubru, 2002

Appell Civili Numru. 1160/1993/1

**Victor Vella**

**vs**

**Joseph N. Tabone noe**

**Il-Qorti,**

I - **Preliminari**

1. L-attur ipprezenta citazzjoni quddiem l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili u biha talabha biex tannulla hatra ta' "Assistant Managers Cargo" li kienet saret mis-socjeta` konvenuta minhabba allegati irregolaritajiet. Ic-citazzjoni tghid hekk:-

“Peress illi l-attur huwa mpjegat mas-socjeta` konvenuta bhal assistant officer, u hu ilu mpjegat mas-socjeta` konvenuta ghal dawn l-ahhar 17-il sena.

Peress illi s-socjeta` konvenuta fis-26 ta’ Ottubru 1992 harget sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-post ta’ assistant manager cargo.

Peress illi f’din is-sejha kien rikjest li l-kandidati kollha joqghodu ghal ezami bil-miktub u iehor orali u dan kif jirrizulta mill-anness dokument A. In effetti wara li l-attur applika rcieva ittra datata 26 ta’ Jannar 1993 (dokument B) fejn gie mitlub joqghod ghal ezami bil-miktub u rcieva ittra ohra (Dokument C) bl-istess data fejn qalulu meta u fejn kellu joqghod ghall-ezami orali.

Peress illi huwa in effetti ssottometta ruhu ghal dawn l-ezamijiet li saru taht index number u fil-fatt in-numru tal-attur kien 2H 5Z KB.

Peress illi b’sorpriza fid-19 ta’ April 1993 l-attur gie mgharraf li ma giex mghazul (Ara dokument D) u minflok intghazlu erba’ kandidati ohra li kienu ga minn qabel bdew jinghataw jghamlu dan it-tip ta’ xoghol u dan nonostante li l-applikazzjoni kienet ghal ‘assistant manager’ wiehed.

Peress illi l-attur ipprotesta ruhu ghaliex hass li saru rregolaritajiet fil-konfront tieghu u li kien gie diskriminat kopja ta’ liema itta tinsab ezebita bhala (Dokument E) u mibghuta fl-20 ta’ April 1993.

Peress illi skond ftehim kollettiv bejn il-GWU u l-Air Malta tali ilment kellu jigi mghoddi lill-kummissjoni specjali kkrejata mill-ftehim kollettiv imsemmi (klawsola Nru. 4). Il-kummissjoni wara li tara l-kaz, tisma l-provi, kellha tinvestiga jekk l-ilment tal-individwu hux gustifikat u kellha tirraporta lura lill-Bord tad-Diretturi fi zmien xahar. Id-decizjoni tal-kummissjoni kellha tkun finali. B’hekk din il-klawsola l-gurisdizzjoni tal-Qorti. Pero l-attur qatt ma deher quddiem din il-kummissjoni.

Peress illi in effetti l-attur b'ittra interpellatorja tas-6 ta' Gunju 1993 (Dokument F) interpella lill-konvenut jikkonfermalu jekk id-decizjoni tal-Kummissjoni kienitx giet komunikata jew le lill-board tad-diretturi entro x-xahar zmien, liema ittra saret benche li sa fejn kien jaf hu l-imsemmija Kummissjoni ma jistax ikun li nvestigat il-kaz tieghu ghax qatt ma bghatet ghalih u b'hekk l-ittra saret sabiex jezimi ruhu minn kwalsiasi pregudizzju.

Peress illi in effetti baqa' bla risposta u rega interpella lill-konvenut b'ittra ohra tat-30 ta' Gunju 1993 izda rega baqa' bla risposta u dan peress li jidher li l-kummissjoni ma kienitx irrapportat skond il-ftehim kollettiv, liema sekonda ittra qed tigi ezebita bhala dokument G.

Peress illi huwa baqa' ma rcevix ir-rizultati tal-ezamijiet tieghu u minhabba f'dan ipprezenta protest relattiv izda l-konvenut baqa' ma ppubblikax ir-rizultati tieghu.

Ighid il-konvenut ghaliex m'ghandiex dina l-Onorabbli Qorti.

1. Tiddikjara li l-attur ghandu kull dritt ikun jaf ir-rizultati tal-ezamijiet li huwa qaghad ghalihom kif ukoll ir-rizultati ta' dawk in-nies li ntghazlu minfloku.

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrilaxxja minnufih u formalment ir-rizultati tal-attur u ta' dawk li ntghazlu minfloku.

3. Okkorrendo jkun il-kaz tiddikjara li l-ghazla tal-assistant managers saret b'mod irregolari u kwindi tannulla l-istess hatra.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni".

2. Is-socjeta` konvenuta tat dawn l-eccezzjonijiet:-
"(1) In linea preliminari dina l-Qorti ma ghandha l-ebda gurisdizzjoni tindahal fid-diskrezzjoni u/jew l-operat tas-Socjeta'` konvenuta u/jew tal-ilment tal-attur kontenut fit-tielet talba tieghu galadarba u in forza tal-ftehim bejn l-Air

Malta u l-Union esebit mill-istess attur (Dokument H) dan is-sindikar huwa rizervat lill-Kummissjoni appozitament imwaqqfa;

(2) Illi inoltre ma jidherx illi l-istess attur ezawrixxa r-rimedju lilu moghti bil-precitat ftehim fil-klawsola 3 tieghu, bil-konsegwenza li l-azzjoni tieghu hi intempestiva;

(3) Illi fil-meritu, u bla pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici hi infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjent nomine ma wettaq l-ebda iregolarita' fl-ghazla tal-assistant managers".

3. Wara li ingabru l-provi tal-partijiet u wara li kkunsidrat is-sottomissjonijiet li sarulha, l-Ewwel Onorabbli Qorti tat is-sentenza taghha fit-30 ta' Settembru 1998. Biha, dik il-Qorti:

"1. Astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel u tat-tieni talba stante d-dikjarazzjoni ta' l-istess attur illi l-meritu dwarhom gie ezawrit fil-mori tal-kawza;

2. Cahdet it-tielet talba ghax fil-fehma tal-Qorti l-attur ma gab ebda prova konkreta li l-ghazla ta' Assistent Manager saret b'mod irregolari u ghandha tigi annullata.

3. Dwar spejjez, anke in vista ta' dak li gara fil-mori tal-kawza fir-rigward ta' l-ewwel zewg talbiet, il-Qorti ordnat li dawn ghandhom ikunu ssopportati zewg terzi ($^{2}/_{3}$) mill-attur u terz ($^{1}/_{3}$) mis-socjeta` konvenuta".

4. L-Ewwel Onorabbli Qorti waslet ghall-dawn il-konkluzjonijiet wara li kkunsidrat hekk:-

"Dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari, l-attur tenna li hu kien ressaq l-ilment tieghu quddiem il-Kummissjoni permezz ta' ittra datata 20 ta' April1993 (vide fol. 10 tal-process) izda l-Kummissjoni naqset li tibghat risposta fi zmien xahar, kif jistipula klawsola 4 tal-Ftehim Kollettiv.

Dwar it-tieni eccezzjoni preliminari, l-attur sostna li l-Kummissjoni Specjali kienet tnehhiet u giet rimpjazzata mill-Bord ta' l-Appell, quddiem liemha huwa kien deher.

L-attur irrileva wkoll li l-ewwel zewg talbiet ormai kienu superfluwi peress li r-rizultati kienu gew prezentati mix-xhud Joe Farrugia, u ghalhekk il-Qorti kien fadlilha biss li tezamina t-tielet talba.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet responsiva, il-konvenut tenna li l-ittra tal-20 ta' April 1993 kienet giet indirizzata lic-Chairman ta' l-Air Malta u mhux lill-Kummissjoni. Il-konvenut sostna li l-attur ma segwiex il-proceduri stabbiliti bil-Ftehim Kollettiv.

Ikkunsidrat:

Dwar it-tielet talba l-attur isostni li fil-grad ta' probabbilita` huwa rnexxielu jipprova li l-ezamijiet li sru kienu rregoari.

Il-Qorti ma tistax taqbel ma' din l-asserzjoni. L-ghajdut imsemmija mill-attur ma jikkostitwixxu ebda prova. Ma ngabet ebda prova konkreta illi l-Kummissjoni tnehhiet u sar Bord fil-Ftehim Kollettiv proprju biex ikun pregudikat il-kaz partikolari ta' l-attur.

Kuntrarjament ghal dan hemm ix-xhieda ta' Alphonse Caruana li kien ic-Chairman tal-Board of Appeal mahtur mill-Air Malta u mill-General Workers Union li ezamina l-kaz ta' l-attur. Mix-xhieda li hu ta quddiem l-Assistent Gudizzjarju fit-28 ta' Novembru 1994 jidher illi l-ilmenti ta' l-attur gew investigati minnu u hu ma sab ebda irregolarita'. Di piu` jirrizulta illi x-xhieda li ppropona l-attur quddiem dan il-Bord semplicement irrepetew l-ghajdut ta' l-attur:

*"Jien qatt ma ghidt id-diskors lil Victor Vella li l-'promotions' ma kienux saru kif suppost. Veru illi jiena kont ghidtlu biex itella' xhieda in sosten ta' l-allegazzjoni tieghu, u hu hekk ghamel. Kienu telghu bhala xhieda dawn it-tlieta min-nies: Charles Debono, Alfred Busuttil u Joe Spiteri.*

*Ix-xhieda qalu kif qal hu stess, illi kienu jafu min se jsir. Nghid illi jiena emminthom u pprovajt nindaga biex nara kemm hemm verita` fiha, pero` meta staqsejthom igibuli aktar provi qalu li 'ma nixtiequx'."* (Xhieda ta' l-istess Alphonse Caruana.

Fir-rapport tieghu tal-4 ta' Lulju 1994 l-istess Alphonse Caruana hekk jikkonkludi:-

*"Ghaldaqstant wara li gie ezaminat il-process kollu aktar minn darba jien jidhirli li ma ngiebux raguni fattibbli u ghalhekk l-appellant is-Sur Victor Vella ma ghandux raguni valida ghal kaz tieghu."*

Fil-kamp tal-provi l-Qorti tinnota wkoll li t-tlett xhieda li tressqu mill-attur quddiem il-Bord u cioe' Charles Debono, Alfred Busuttil u Joe Spiteri ma tressqux biex jixhdu quddiem din il-Qorti biex jissostanzjaw l-allegazzjonijiet taghhom u lanqas ma gew indikati fil-lista tax-xhieda ta' l-attur.

Finalment il-Qorti thoss illi l-fatt illi l-Bord kien maghmul biss minn ersuna wahda mhux necessrjament ta' xkiel biex dan jasal ghall-konkluzzjonijiet oggettivi. Jigi wkoll rilevat illi apparti minn "interviews" ghal dan il-post saru wkoll ezamijiet bil-miktub li gew ikkorreguti minn ezaminatur indipendenti mis-socjeta` konvenuta. F'dan l-iskritt l-attur gie klassifikat l-10 kandidat b'131 marki mentri ntghazlu biss 4 kandidati mit-12-il applikant li kollha gavu marka ahjar mill-attur".

5. Intqal ukoll, fl-istess sentenza, li l-konkluzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3 supra, dik il-Qorti kienet waslet ghalihom wara li qieset id-diversi konsiderazzjonijiet ta' dritt u ta' fatt indikati fil-korp tas-sentenza u wara li qieset li l-procedura li kellha tigi segwita mill-attur biex jappella mid-decizjoni mehuda ma gietx minnu segwita.

II – **<u>L-Appell</u>**

6. L-attur hassu agravat minn din is-sentenza u fid-19 ta' Ottubru 1998 interpona appell minnha quddiem din il-

Qorti. Ghar-ragunijiet li semma fir-rikors ta' Appell tieghu, l-attur qieghed jitlob li dina l-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata fis-sens illi filwaqt li tikkonfermaha fejn din astjeniet mill-ewwel zewg talbiet attrici, thassarha, tirrevokaha u tikkancellha fejn din cahdet it-tielet talba attrici u konsegwentement filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-tielet talba attrici bl-ispejjez.

7. Is-socjeta` konvenuta, fir-risposta taghha, elenkat ir-ragunijiet, li fil-fehma taghha, kellhom iwasslu lil din il-Qorti biss tirrespingi l-appell interpost mill-attur u dwar il-kap tal-ispejjez sostniet li dan hu kaz fejn l-attur ghandu jigi akkollat bi spejjez doppji tal-appell.

III – **<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

8. L-ewwel aggravju tal-appellant huwa precizament dan:-

"Illi fl-ewwel lok is-sentenza ta' l-ewwel Qorti hija nulla stante li ma tiddikjarax liema eccezzjoni jew eccezzjonijiet tal-konvenut gew akkolti.

Illi t-tielet talba attrici jidher li giet michuda mill-ewwel Qorti peress illi skond l-istess Qorti ma giex ippruvat li kien hemm xi irregolaritajiet fl-ezamijiet in kwistjoni.

Illi bir-rispett kollu l-ewwel Qorti ma setghatx tasal ghal din il-konkluzjoni.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut issir referenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur ippresentata quddiem l-ewwel Qorti fejn diga gie sottomess li din l-eccezzjoni hija wahda frivola.

Illi dwar it-tieni eccezzjoni ma jistax jinghad li l-appellant ma ezawriex ir-rimedji skond il-collective agreement. L-appellant kien baghat ittra lill-Kummissjo9ni relattiva biex tisma' l-ilment tiehu. Il-Kummissjoni qatt ma semghat dan l-ilment. Wara kien sar ftehim kollettiv bejn l-Airmalta u l-GWU u l-Kummissjoni tnehhiet u minflokha gie kreat Bord ta' l-Appelli. Sussegwentement l-ilment gie kkunsidrat minn dan il-Bord.

Pero` hawnhekk kienet is-socjeta` appellata li ma mxietx mal-ftehim Kollettiv. L-ilment tal-appellant kien sar qabel ma l-Kummissjoni giet sostitwita mill-Bord ta’ l-Appelli, kwindi kellha tkun il-Kummissjoni li tisma’ l-ilment u mhux il-Bord ta’ l-Appelli.

Ghalhekk lanqas din l-eccezzjoni ma setghat tigi milqugha.”

9. L-aggravju li s-sentenza appellata hija nulla, ghar-ragunijiet esposti fil-paragrafu precedenti, ma huwiex fondat. Huwa veru li mill-punto di vista ta’ forma, is-sentenza appellata tista’ tigi kkritikata. Dana ghaliex ma jidherx li s-sentenza ippronunzjat ruhha direttament fuq it-tlett eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta’ konvenuta.

L-ewwel eccezzjoni kienet tallega li l-Ewwel Qorti ma kellhiex il-gurisdizzjoni li tisma’ u tiddeciedi din il-kawza, it-tieni eccezzjoni kienet fis-sens li din il-kawza kienet intempestiva w it-tielet eccezzjoni kienet indirizzata lejn il-meritu proprju tal-kawza, u cjoe` biha s-socjeta` konvenuta irrispingiet l-allegazzjoni ta’ l-appellant li kienu saru irregolaritajiet fl-ghazla tal-persuni bhala Assistant Managers.

10. Din il-Qorti jidhrilha li l-Ewwel Qorti tidher li injorat l-ewwel zewg eccezzjonijiet, ghalkemm en passant ikkumentat li l-attur ma kienx segwa l-procedura li kellu jsegwi, skond il-ftehim kollettiv, biex jappella mid-decizjoni mehuda mis-socjeta` konvenuta.

Li kieku l-ewwel Qorti laqghet xi wahda mill-ewwel zewg eccezzjonijiet moghtija, hija kellha logikament tieqaf hemm u ma tidholx fil-meritu proprju tal-kawza, kif fil-fatt dahlet. Dan l-operat tal-Ewwel Qorti, abbinat mal-konkluzjonijiet li wslet ghalihom fis-sentenza appellata, ma jhalli ebda dubbju li bis-sentenza appellata cahdet it-tielet talba tal-attur u indirettament laqghet it-tielet eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta.

11. Il-Qorti tinnota li din is-socjeta` ma intavolat l-ebda appell mis-sentenza tat-30 ta’ Settembru 1998, lanqas

wiehed incidentali, kif x'aktarx kellha dritt li taghmel in visto tal-konsiderazzjonijiet li din il-Qorti ghamlet fil-paragrafu precidenti. Ghalhekk, jirrizulta li s-socjeta` appellata akkwejixiet ghall-imsemija sentenza.

12. Fil-fehma tal-Qorti, l-appellant ma ghandu l-ebda ragun li jillamenta mill-imsemmi operat bl-Ewwel Qorti, li, se mai, x'aktarx aggrava lis-socjeta` konvenuta u mhux lill-istess attur appellanti.

Konsegwentament, l-ewwel aggravju ma jistax jintlaqa'.

13. It-tieni aggravju tal-apellant jolqot il-meritu proprju tal-kawza. Kif rajna, l-iskop primarju ta' din il-kawza kien li l-attur jissodisfa lill-Qorti li saru diversi irregolaritajiet fil-hatriet tal-imsemmija Assistant Managers li kellhom iwasslu biex il-Qorti tkun gustifikata li tannulla l-istess hatriet. Evidentement, l-attur kien qieghed isostni li huwa kien jisthoqlu li jintghazel ghall-istess hatra. Minn naha l-ohra, it-tielet eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta kienet qeghdha issostni li ma twettqu ebda irregolaritajiet fl-imsemmija hatriet li kienu jiggustifikaw li l-hatriet imsemmija jigu annullati.

14. Minn ezami tal-process jidher li l-partijiet ressqu kull prova li deherilhom li kienet utli ghat-tezijiet rispettivi taghhom. Jidher wkoll li ghamlu sottomissjonijiet anke bil-miktub in sostenn tal-istess tezijiet rispettivi taghhom. Jidher car minn ezami tas-sentenza appellata li l-imsemmija provi u sottomissjonijiet gew debitament ikkonsidrati mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Sfortunatament ghall-attur, izda, dik il-Qorti ikkonkludiet li huwa ma gab ebda prova konkreta li tissostanzja li l-ghazla tal-Assistant Managers saret b'mod irregolari u li ghandha tigi annullata.

15. Quddiem din il-Qorti l-appellant rega' ressaq erba' lamenti li, fil-fehma tieghu, kienu jikkostitwixxu irregolaritajiet li jintitolaw lil din il-Qorti li tannulla l-imsemmija hatriet.

"i) Illi jirrizulta kjarament illi l-call for applications u l-karta ta' l-ezami kienu ilkoll intitolati Assistant Manager Cargo kif jirrizulta minn dokument A esebit fl-atti. Kwindi l-post kien vakanti ghal Assistant Manager wiehed. Allura kif intaghzlu erba'?"

ii) Illi r-rizultati qatt ma gew pubblikati. Kien biss waqt is-smiegh tal-kawza li fix-xhieda tieghu Joe Farrugia prodott mis-socjeta` konvenuta pproduca r-rizultati ta' l-attur. Kien ghalhekk li l-attur kien irtira l-ewwel zewg talbiet tieghu. Pero wiehed irid jiftakar li fis-sejha ghall-applikazzjonijiet kien hemm imnizzel:

"Wara li ssir il-ghazla tal-ghadd mehtieg ta' applikanti, il-bqija tal-kandidati li jkunu marru tajjeb jitqiesu bhala riserva skond l-ordni tal-mertu miksub ghal sena li tibda tghodd minn meta **johrog ghall-pubbliku r-rizultati tal-ghazla.**"

Ir-rizultati qatt ma hargu ghall-pubbliku.

iii) Illi l-appellant qatt ma deher quddiem il-Kummissjoni kif intitolat skond il-ftehim kollettiv. Meta l-appellant irregistra l-ilment tieghu kien ghadu in vigore l-ftehim dwar il-Kummissjoni. L-appellant pero` qatt ma deher quddiemha. Deher biss quddiem il-Bord ta' l-Appelli liema bord gie kostitwit u ffurmat biex jiehu post il-Kummissjoni permezz ta' ftehim kollettiv li sar wara li gie registrat l-ilment tal-appellant. Dan sar wara bosta ittri biex id-decizjoni tal-Kummissjoni tigi konumikata lill-Bord tad-Diretturi.

iv) Illi Alfons Caruana ic-chairman tal-Bord ta' l-Appelli ezamina l-ilment tal-appellant minghajr biss ma gie muri l-karti ta' l-ezami tieghu. Dan ghalhekk qatt ma kien f'posizzjoni li jara jekk il-marki li inghata l-appellant kienx il-marki li kien haqqu. Kwindi r-r-rimedju li inghata l-appellant ma kienx rimedju effettiv."

16. Il-Qorti tinnota li dawn il-lamenti, l-attur kien digia` ghamilhom quddiem l-Ewwel Qorti, li tidher li

ikkonsidrathom, kif kien dover taghha li taghmel, u waslet ghal konkluzjoni sfavorevoli ghall-attur.

Din il-Qorti ezaminat mill-gdid il-provi kollha li tressqu f'din il-kawza u waslet ghall-konkluzjoni li ma ssib xejn ta' sustanza li jinklinaha biex tittanta tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti. Huwa principju assodat fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddixturbax id-diskrezzjoni li tkun ezercitat il-Qorti tal-ewwel istanza jekk mhux ghal ragunijiet serjissimi u dan biex tikkoregi zball manifest li jekk ma jigix tempestivament korrett ikun sejjer jikkawza ingustizzja cara lil xi parti.

Ghalhekk, anke it-tieni aggravju tal-appellant ma jista jintlaqa'.

17. Fir-risposta ta' l-appell taghha, is-socjeta` appellata immarkat hekk:-
"L-esponenti nomine kien inklinat li jappella mill-kap tal-ispejjez billi ma hassx li kellu jigi akkollat terz ($^{1}/_{3}$) minnhom galadarba l-attur innifsu kkonfessa illi huwa kien jaf bil-prassi fil-Kumpanija dwar in-non-pubblikazzjoni tar-rizultat. B'danakollu ma huwiex ser jinsisti izzejjed fuq dan il-punt ghar-ragunijiet ovvji ta' evitar ta' spejjez ohra wkoll fl-interess tal-attur.

B'danakollu xorta wahda jhoss illi l-appell sar 'per inutile' u kwindi jipproponi illi fir-rigward l-attur ghandu jigi akkollat l-ispejjez doppji tal-appell".

18. Din il-Qorti, ghall-istess raguni moghtija qabel, ma thossx li ghandha b'xi mod tiddisturba dak li l-Ewwel Qorti iddecidiet dwar il-Kap l-ispejjez. Lanqas jidhrilha li ghandha tilqa' is-suggeriment tas-socjeta` appellata li l-Qorti tinfliggi spejjez doppji fuq l-appellant fir-rigward ta''dina l-istanza, billi ma thossx li, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, hemm lok ghal mizura punitiva bhal din.

19. Ghal dawn il-motivi:-
Tichad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata u tordna li l-ispejjez ta' l-ewwel istanza jibqghu kif decizi mill-Ewwel

Qorti, waqt li l-ispejjez ta’ din it-tieni istanza ghandhom jigu sopportati kollha mill-appellant.

Dep. Reg.
df